# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA

## L-EWWEL PARTI

## QORTI KOSTITUZZJONALI

**8 ta' Jannar, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Libertà – Libertà Provvizorja – Arrest – Kompilazzjoni**

Nicholas Ellul

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

*Ir-rikorrent kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti Istruttorja) akkużat bil-kummissjoni ta' omiċidju involontarju. Il-Qorti tal-Maġistrati, wara li l-uffiċjal prosekutur, bil-ġurament, qara r-rapport u wara l-eżami tal-imputat skond il-liġi, in vista tal-verbal reġistrat mid-difensur tal-imputat li l-prosekuzzjoni kienet tenuta tikkonvinċi lill-maġistrat li kien hemm bażi fondata għall-arrest, iddekretat billi ddikjarat is-sottomissjonijiet u pretensjonijiet tal-imputat infondati u ċaħdet*

*it-talba tiegħu. L-imputat ippreżenta rikors fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fejn allega li l-arrest kien jirregola d-dritt fundamentali tiegħu għall-libertà.*

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tal-31 ta' Diċembru 1990 iddeċidiet billi ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu. Fuq appell tar-rikorrent, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat:*

*L-arrest tar-rikorrent, li in prinċipju kien arrest esekuttiv, ġie konvertit f'arrest ġudizzjarju bil-preżentata u d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati. Dak l-arrest ma kienx jirregola d-dritt fundamentali tal-imputat għall-libertà, u in partikulari ma kienx jivvjola l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja għax kien sar skond u bil-garanziji kollha li trid u tipprovdi l-liġi. Inoltre l-Qorti osservat li l-kwistjoni jekk kinux ġew osservati l-proċeduri rikjesti mill-liġi kriminali ma kinitx awsterja li taqa' fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tal-Qorti.*

Il-Qorti: – rat ir-rikors ta' Nicholas Ellul preżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih ippremetta:-

Illi hu kien ġie arrestat u ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti Istruttorja), nhar il-Ħadd 23 ta' Diċembru, 1990, wara li kien diġa għamel jum arrestat mill-Pulizija.

Illi meta tressaq quddiem il-Qorti, l-Ispettur Alphonse Cauchi ħa l-ġurament u qara l-akkużi skond il-Kodiċi. Ma ressaq l-ebda prova, l-anqas waħda, li fuqha l-Qorti setgħet tistrieħ li l-arrest kien sar fuq *"reasonable suspicion"*.

L-esponenti talab li l-uffiċjal Prosekutur jagħmel dak li kien fid-dmir li jagħmel u ċjoè li jġib il-prova jew indikazzjoni ta'

prova li tiġġustifika l-arrest. Il-Qorti ddekretat li kien hemm **xahar** żmien biex dan isir, u ddiferiet is-smiegħ għat-3 ta' Jannar, 1991.

Illi l-arrest issa hu definittivament illegali u jikser l-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Att XIV tal-1987).

Illi skond ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani kostanti l-pulizija għandha tressaq quddiem maġistrat biex jisma' "*promptly*" u jara jekk hemmx raġuni għall-arrest, u wara li jitressqu provi biex għall-inqas ikun hemm "suspett raġjonevoli", u fl-istess waqt wara li jinstemgħu tali provi, **jisma'** x'għandu jgħid il-persuna arrestata.

Illi din il-Qorti (presjeduta mill-Imħallef Victor Caruana Colombo) diġa kellha l-opportunità li tiddeċiedi każ simili, għalkemm issa qiegħed quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Illi issa li għaddew aktar minn ħamest ijiem, l-arrest sar bi ksur tal-liġi, u jirregola l-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

U talab:

1) Illi l-arrest tiegħu u l-proċeduri jiksru fil-konfront tiegħu l-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar ir-Drittjiet Umani, u tiddikjara l-istess arrest illegali.

2) Tagħti dawk l-ordnijiet, inklużi il-ħelsien mill-arrest tal-esponent, kif awtorizzata mill-liġi.

3) Tiffissa l-kumpens xieraq dovut lill-esponenti dwar din il-vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu, u tikkundanna lill-intimat iħallas l-istess kumpens fi żmien qasir u perentorju.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha ssottometta:-

Illi r-rikorrent jinsab validament arrestat taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (bħala Qorti Istruttorja), liema Qorti ma tistax tkun marbuta bid-deċiżjoni ta' dina l-qorti ħlief meta dik l-istess Qorti tkun irreferiet il-kwistjoni quddiemha skond id-disposizzjoni apposita tal-Kostituzzjoni jew tal-Att XIV tal-1987.

Għaldaqstant dana r-rikors hu manifestament frivolu w vessatorju kif jidher ukoll mill-fatti hawn taħt elenkati;

Illi jeżistu rimedji ordinarji għar-rilaxx tar-rikorrent liema rimedji r-rikorrent ma ttantax jipproponi fil-ħamest ijiem li hu jallega li ilu arrestat illegalment. Hu seta', jekk l-arrest hu illegali, jipproponi rikors skond l-artikolu 137 tal-Kodiċi Kriminali; jekk dak li qed jippretendi hu l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest *("bail")*, hu seta' għamel rikors quddiem il-Qorti kompetenti biex it-talba tiegħu tiġi eżaminata skond il-liġi; u jekk l-ilment tiegħu hu li l-proċess kellu jinstema' aktar ċelerament, hu seta' għamel rikors quddiem il-Qorti kompetenti biex din tisma' l-każ bl-urġenza. Ir-rikorrent ma għamel xejn minn dan iżda stenna sal-Ġimgħa wara nofs inhar biex jippreżenta r-rikors odjern għal rimedju straordinarju, lejlet jumejn meta il-qorti tkun magħluqa. Għaldaqstant din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha, ai termini tal-artikoli 4 (2) tal-Att XIV tal-1987, peress li huwa aktar milli desiderabbli li din il-Qorti tagħmel hekk;

Il-frivolità u l-vessatorjetà tar-rikors jidher ukoll mill-fatt illi d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati ma giex kkwotat la kompletament u anqas korrettement u s-sentenza ta' dina il-Qorti li għaliha hemm aċċenn fir-rikors hi fuq fatti kompletament differenti minn dawk odjerni u bl-ebda mod ma tagħti soljev l-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja minnu kkwotat 5 (3), artikolu li ġie rispettat pjenament mill-esponent u li hu pjenament rispekkjat fil-liġi nostrana w fl-aħħar, li l-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropeja li qal li teżisti, fil-fatt ma teżistix;

Illi bħala fatt ir-rikorrent ġie arrestat fuq suspett raġonevoli (ħaġa li l-stess rikorrent b'ebda mod ma hu qed jikkontesta – infatti ma hu qed jiġi allegati ebda ksur tal-artikolu 5(1), ġie mressaq minnufih quddiem magistrat, u l-proċeduri ġew imħollija għat-3 ta' Jannar, 1991 li, fiċ-ċirkostanzi, hu żmien raġonevolissimu); l-ebda talba ma saret skond il-liġi għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. Jiġi rilevat ukoll illi l-artikolu 5(3) iħalli lill-maġistrat (jew lill-"imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja") fil-libertà li jivvaluta hu meta, u a bażi ta' liema ċirkostanzi, għandu jiġi deċiż jekk l-akkużat (jew imputat) jibqax taħt arrest jew le, salv dejjem **li ssir** talba għall-ħelsien fil-pendenza tal-proċeduri (Art. 582(1) tal-Kodiċi Kriminali);

U li dina l-Qorti għandha tiddikjara r-rikors odjern bħala frivolu w vessatorju, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Diċembru, 1990 li biha ddeċidiet billi wara li ddikjarat li r-rikors mhuwiex frivolu w vessatorju ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu w dan wara li kkonsidrat dan kollu li ġej:

"Rat l-atti l-oħrajn kompriża l-kopja esebita ta' l-atti tal-kompilazzjoni numru 528/90 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Alphonse Cauchi) kontra Nicholas Ellul," u semgħet it-trattazzjoni ta' l-Avukati."

"1. Il-fatti li taw lok għall-preżenti rikors huma dawn. Ir-rikorrent ġie arrestat fil-21 ta' Diċembru 1990 fis-siegħa neqsin għaxra ta' wara nofsinhar (12.50 p.m.). Fit-23 ta' Diċembru 1990 huwa ġie preżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati akkużat bil-kummissjoni ta' omiċidju volontarju, billi ikkaġuna ħsara volontarja fil-proprjetà ta' ħaddieħor u bil-pussess ta' arma tan-nar mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. Mal-preżentata l-Ispettur Alphonse Cauchi, bil-ġurament, qara r-rapport, jew kif imsejjaħ fir-rikors, "l-akkużi skond il-Kodiċi" riferibbilment għar-reati hawn fuq imsemmijin."

"2. In segwitu sar l-eżami ta' l-imputat, bla ġurament, a tenur ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, riferibbilment għall-ġeneralità' ta' l-imputat, u għad-dikjarazzjoni tiegħu dwar jekk kienx ħati jew mhux ħati ta' l-akkużi dedotti."

"3. Wara dan l-eżami, ġie reġistrat is-segwenti verbal. "L-imputat jitlob illi tiġi osservata l-proċedura fis-sens illi l-prosekuzzjoni f'dan l-istadju għandha tikkonvinċi lill-maġistrat fl-eżerċizzju tiegħu ta' funzjoni ġudizzjarja ġudikant imparzjali u ndipendenti illi hemm bażi fondata għall-arrest effettwat mill-puliżija u illi dawk is-suspett huwa fondat u jagħtu bażi raġonevoli biex il-Qorti takkonvalida l-arrest"."

"4. "B'digriet ta' l-istess data, 23 ta' Diċembru 1990, il-Qorti tal-maġistrati, wara li kkunsidrat illi l-proċedura li għandha tiġi operata mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja hija

regolata bl-artikoli 389 sa 409 tal-Kodiċi Kriminali. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 390 jipprovdi għal mod kif tinbeda l-proċedura f'din il-Qorti, ċjoè billi "tisma', r-rapport bil-ġurament tal-uffiċjali tal-pulizija, teżamina, bla ġurament, lill-imputat u tisma' l-provi li jinġiebu biex isaħħu r-rapport." It-terminu relattiv għall-għeluq tal-kumpilazzjoni, huwa ndikat fl-artikolu 401. B'ebda mod ma hi l-Qorti tenuta li proprju mal-preżentata għandha tisma' xi provi biex isaħħu r-rapport. Di pjù l-fatt li l-uffiċjali prosekuturi jikkonfermaw ir-rapport bil-ġurament huma intiż biex biex jissoddisfa lill-Qorti li hemm suspett fondat biex l-imputat jitressaq b'arrest in vista tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Inoltre din il-Qorti ma ssib xejn x'tissanċixxi fil-fatt li r-rapport hekk ikkonfermat jikkonsisti fil-konferma bil-ġurament tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat; Wara kollox "rapport" fil-kuntest ifisser "akkuża". Din hi l-proċedura li ntużat f'dan il-każ, proċedura skond il-liġi; u għalhekk, iddeċidiet billi tiddikjara is-sottomissjonijiet u pretensjonijiet tal-imputat infondati u tiċħad it-talba tiegħu."

"5. Il-premess kollu sar fit-23 ta' Diċembru 1990, u mbagħad il-kompilazzjoni ġiet diferita għat-3 ta' Jannar 1991."

"6. Fir-rikors odjern ir-rikorrent igħid li fil-kompilazzjoni, meta hu ġie preżentat, ma nġibitx prova, jew indikazzjoni ta' prova li tiġġustifika l-arrest tiegħu. Jallega li għal din ir-raġuni "l-arrest issa hu definittivament illegali u jikser l-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Att XIV ta' l-1987)".

"7. Bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-intimat jissottometti li r-rikors hu frivolu u vessatorju għaliex il-Qorti tal-Magistrati ma tistax tkun marbuta fil-każ preżenti, bid-deċiżjoni ta' din il-Qorti. F'dan ir-rigward jiġi rilevat li l-Att XIV tal-1987 jiddisponi li kull persuna li tallega l-vjolazzjoni ta' dritt fundamentali tagħha tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jiġifieri din il-Qorti, għal rimedju (artikolu 4 (1). L-artikolu 4 (2) ta' l-istess Att igħid illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fuq tali talba "tista tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettieq tad-Drittijiet tal-Bniedem u libertajiet fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna". Evidentement kieku dawn l-ordnijiet u direttivi, ma kinux esegwibbli *"ergo omnes"* anki fil-konfront ta' kull Qorti oħra, Superjuri w Inferjuri, allura d-disposizzjonijiet kollha intiżi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kienu jiġu reżi inutili. L-artikolu 46 (6) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li "Jista' jsir provvediment bi jew skond Att tal-Parlament biex jiġu mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dawk is-setgħat b'żieda għal dawk mogħtija b'dan l-artikolu li jkunu meħtieġa jew mixtieqa sabiex il-Qorti tkun tista' aktar effettivament teżerċita' l-ġurisdizzjoni mogħtija lilha b'dan l-artikolu". Din id-disposizzjoni tindika biċ-ċar ir-rieda tal-Kostituzzjoni li dan il-Qorti, fil-ġuridizzjoni tagħha tat-twettieq ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem għandha jkollha l-poteri l-aktar ampji bl-iskop li tiġi assikurata l-esekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tagħha. Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati jekk ikun il-każ, tkun tabilħaqq marbuta bid-deċiżjoni ta' din il-Qorti, salva, naturalment d-deċiżjoni, fuq appell, mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Ir-rikors m'huwiex frivolu u vessatorju għall-motivi sottomessi mill-intimat fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Din il-Qorti l-anqas tasal biex tikkonsidra r-rikors frivolu għar-raġunijiet għalkemm fondati indikati fit-tielet paragrafu tar-risposta."

"8. L-intimat eċċepixxa fit-tieni lok li r-rikorrent ma ttentax jottjeni rimedji ordinarji li kellu disponibbli wara li kien ġie arrestat, kif jippretendi illegalment. L-intimat semma s-segwenti bħala mezzi ta' dawn ir-rimedji disponibbli għar-rikorrent, rikors skond l-artikolu 137 tal-Kodiċi Kriminali, talba għall-libertà provviżorja bil-garanzija, talba għall-urġenza fit-trattazjoni tal-kompilazzjoni."

"9. Kwantu għall-ewwel mezz suġġerit mill-intimat, l-artikolu 137 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li kull maġistrat u kull uffiċjal tal-pulizija esekuttiva li jinjora lment leġittimu ta' arrest illegali jkun ħati ta' reat u soġġett għall-piena preskritta. Dan l-ilment sostanzjalment sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-verbal ċitat hawn fuq fil-paragrafu 3. Di fatti r-rikorrent talab li tinġieb prova li tissoddisfa l-Qorti li l-arrest tiegħu kien ġie effettwat fuq suspett fondat li kien ikkommetta reat, u hekk biex "il-Qorti tikkonvalida l-arrest". Din it-talba timplika li fl-assenza ta' dik il-prova il-Qorti kella ma tikkonvalidax l-arrest u tordna l-liberazzjoni tar-rikorrent mill-arrest. Il-Qorti ma njoratx dak l-ilment, u fuqu tat id-digriet preċitat fil-paragrafu 4 ta' din is-sentenza. Dan kollu apparti l-leġittimità jew le tal-ilment u l-ġustezza jew le tad-digriet."

"10. It-talba għall-libertà provvizorja bil-garanzija mezz ieħor ta' rimedju ordinarju propost fir-risposta evidentement rikors idoneju għall-fini tal-pretensjoni tar-rikorrent li l-arrest u d-detenzjoni tiegħu huwa illegali. Difatti il-ħelsien mill-arrest li r-rikorrent qiegħed jitlob bir-rikors odjern, jippretendih liberu, bla ebda garanzija. Fil-kors tat-trattazzjoni orali, ir-rikorrent talab l-applikazzjoni ta' l-artikolu 5 (4) tal-Konvenzjoni Ewropeja in kwistjoni kif jidher jutilizzah. Dan l-artikolu jgħid li kull min

ikun ipprivat mill-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu d-dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn Qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi. L-iskop ta' din it-talba, kif anki ġie indikat fit-trattazzjoni, hu li f'każ li l-Qorti ssib li l-arrest u d-detenzjoni tar-rikorrent huwa illegali, hija għandha tordna l-liberazjoni tiegħu mingħajr kondizzjoni."

"11. It-tielet mezz għar-rimedju ordinarju propost mill-intimat, ċjoè t-talba għat-trattazzjoni tal-kompilazzjoni bl-urġenza huwa wkoll ovvjament inidoneju. Dak li qiegħed jippretendi r-rikorrent mhux il-ħeffa fil-proċeduri, iżda l-libertà mid-detenzjoni illegali, kif igħid tiegħu."

"12. L-artikolu li r-rikorrent isostni li ġie vjolat fil-konfront tieħgu huwa 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan jiddisponi verbatim: "Kull minn ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 (ċ) ta' dan l-artikolu, għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħat ġudizzjarji u jkollu dritt għall-proċeduri fi żmien raġonevoli jew għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kondizzjoni ta' garanzija biex jidher għall-proċeduri". Il-paragrafu 1 (ċ) tal-artikolu 5 jikkontempla: "l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat....".

"13. Iż-żewġ disposizzjonijiet fuq ċitati 5(3) u 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni flimkien jipprovdu fis-sens segwenti:- Wieħed jista' jiġi arrestat u detenut legalment fuq suspett raġonevoli li jkun

ikkommetta reat - art 5(1)(ċ) - dan imbagħad għandu jinġieb minnufih quddiem, fil-każ tagħna, il-maġistrat, u jkollu dritt għall-proċeduri, sommarji jew b'kompilazzjoni, fi żmien raġonevoli jew għall-ħelsien fil-pendenza ta' dawk il-proċeduri - art 5(3)."

"14. Ir-rikorrent jallega li l-artikolu 5(3) ċitat ġie vjolat fil-konfront tiegħu billi x'ħin ġie preżentat arrestat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-prosekuzzjoni ma pproduċiet ebda prova biex tissodisfa l-Qorti li l-arrest tiegħu kien ġie esegwiet fuq suspett raġonevoli tal-Kummissjoni Minuri ta' reat bil-konsegwenza li dak l-arrest huwa issa illegali."

"15. Minn eżami ta' l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni, invokat mir-rikorrent jidher ċar li dan l-artikolu ma jimponiex f'ebda parti tiegħu, lill-magistrat li quddiemu tiġi preżentata persuna arrestata, li jisħarreġ dwar jekk l-arrest kienx sar fuq suspett raġonevoli jew le.

L-anqas jiddisponi dak l-artikolu li l-prosekuzzjoni għandha fil-mument tal-preżentata tal-imputat jew f'xi stadju ieħor tal-kompilazzjoni, tipproduċi xi prova dwar jekk il-pulizija kellhiex jew le suspett raġonevli fl-imputat fil-ħin ta' l-arrest tiegħu."

"16. L-anqas l-artikolu 5(1)(c) li ma ġiex invokat mir-rikorrent, ma jimponi l-indaġini mill-maġistrat jew il-prova mill-prosekuzzjoni kif premessa hawn fuq."

"17. Ma jirriżultax li l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja ġie vjolat kif allegat mir-rikorrent."

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Nicholas Ellul preżentat

fil-31 ta' Diċembru, 1990 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn caħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat, tirrevokaha fil-kumplament tagħha billi tilqa' t-talbiet tiegħu (ir-rikorrent) bl-ispejjeż.

Rat ir-rikors tal-istess appellant preżentat kontestwalment mar-rikors tal-appell tiegħu li bih talab li l-appell tiegħu jiġi trattat u deċiż bl-urġenza.

Rat id-digriet tagħha tal-istess ġurnata li bih laqgħet it-talba għas-smiegħ tal-appell bl-urġenza.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija għall-appell tar-rikorrent Ellul li biha issottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma; illi r-rikors ta' appell jirrepeti l-istess argumenti tar-rikors oriġinali; illi l-każ ta' SCHIESSER m'għandu x'jaqsam xejn; illi r-rikorrenti m'huwiex qed jillamenta minnu xi vjolazzjoni tal-artikolu 5(1) imma biss mis-sub-incis (3) ta' dak l-artikolu; illi in extremis qed jsemmi l-artikolu 5(4) imma l-liġi tagħna tipprovdi l-mezzi kollha meħtieġa biex dak li hemm f'dan l-artikolu jiġi tutelat - u għalhekk l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Il-Qorti tixtieq tippremetti li fit-trattazzjoni tal-kawża, quddiemha, ir-rikorrent espanda t-teżijiet tiegħu u estenda id-dibattitu b'mod li spiċċa biex investa area li tmur oltre dak li ġie sottomess lil u trattat quddiem, l-Onorabbli Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili. Huwa minnu li fil-proċessi kostituzzjonali, l-proċedura ammessa hija aktar libera minn dik li hija regolata bil-forom ta' ċitazzjoni jew libell, pero' din il-prattika ma tantx hija rakkomandabbli. Biha jintilef il-privleġġ ta' doppju eżami tal-punti sollevati biss quddiem din il-Qorti, u, inevitabbilment, jitwalu l-proċeduri, għaliex din il-Qorti tkun trid teżamina anki kwistjonijiet marġinali, u b'hekk s-soluzzjoni tal-problema prinċipali tieħu aktar żmien.

Il-meritu ta' dan l-appell jista' jinqasam skond il-fażijiet kronoloġiċi tal-fatt:

A. Ir-rikorrent ġie arrestat mill-intimat fil-21 ta' Diċembru, 1990 fis-12.50 p.m.

Dana huwa arrest amministrattiv, jew aħjar esekuttiv skond id-disposizzjonijiet tal-art.346 Kap.9: "Il-Pulizija Esekuttiva għandha s-setgħa li tarresta kull persuna li tkun għamlet jew li jkun hemm suspett li għamlet delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, minbarra d-delitt punibbli taħt l-Att tal-1974 dwar l-istampa."

B. Arresti esekuttivi oħra huma kontemplati fl-artikoli 348 u 349 tal-Kap.9.

Fit-23 ta' Diċembru, 1990, l-intimat ġie pprezentat taħt arrest - fil-Qorti tal-Maġistrati u akkużat, fost ħwejjeġ orħa, illi fil-Gudja matul il-lejl tal-5 u 6 ta' Diċembru, 1986, flimkien ma persuni oħra, dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' xi persuni f'periklu ċar, permezz ta' arma tan-nar ikkaġuna l-mewt ta' Raymond Caruana.

Ċ. Ir-rikorrent, wara li wieġeb għad-domandi li jsirulhu skond il-liġi, irreġistra verbal: "..... jitlob illi tiġi osservata il-proċedura fis-sens illi l-prosekuzzjoni f'dan l-istadju għandha tikkonvinċi lill-maġistrat fl-eżerċizzju tiegħu ta' funzjonarju ġudizzjarju bħala ġudikant imparzjali w ndipendenti illi hemm bażi fondata għall-arrest effettwat mill-pulizija u illi dak is-suspett huwa fondat u jagħti bażi raġjonevoli biex il-Qorti tikkonvalida l-arrest."

Din it-talba ġiet regolata b'digriet tal-Qorti ta' l-istess data:

"Illi l-proċedura li għandha tiġi operata mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja hija regolata bl-artikoli 389 sa 409 tal-Kodiċi Kriminali. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 390 jipprovdi għal mod kif tinbeda l-proċedura f'din il-Qorti, ċjoè billi "tisma' r-rapport bil-ġurament tal-uffiċjali tal-pulizija, teżamina bla ġurament lill-imputat u tisma' l-provi li jinġiebu biex isaħħu r-rapport. It-terminu relattiv għall-egħluq tal-kompilazzjoni huwa indikat fl-artikolu 401. B'ebda mod ma hi l-Qorti tenuta li proprju mal-preżentata għandha tisma' xi provi biex jsaħħu r-rapport. Di pjù, il-fatt li l-uffiċjali prosekuturi jikkonfermaw ir-rapport bil-ġurament huwa intiż biex jissodisfa l-Qorti li hemm suspett fondat biex l-imputat jitressaq b'arrest in vista tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Inoltre din il-Qorti ma ssib xejn x'tissanċixxi fil-fatt li r-rapport hekk ikonfermat jikkonsisti fil-konferma bil-ġurament tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat; wara kollox "rapport" fil-kontest ifisser "akkuża". Din hi l-proċedura li ntużat f'dan il-każ, proċedura skond il-liġi;

Tiddeċidi għalhekk billi tiddikjara s-sottomissjonijiet u

pretensjonijiet tal-imputat infondat u tiċħad it-talba tiegħu''.

D. B'hekk dik il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja ikkonvalidat l-arrest esekuttiv tar-rikorrent, u minn dak il-mument dak l-arrest, sar arrest ġudizzjarju, u ma baqax arrest esekuttiv.

Dik il-Qorti, f'dak l-istadju:

''.... tista' ukoll tordna l-arrest tal-imputat li ma jkunx ġa taħt arrest'', kif igħid l-art.397(5) Kap. 9.

E. Bir-rikors tiegħu tat-28 ta' Diċembru, 1990 ir-rikorrenti qed jippretendi li l-arrest tiegħu hemm fuq imsemmi ''.... issa hu definittivament illegali u jikser l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem – Att XIV tal-1987.

Aktar l-isfel, fl-istess rikors, ir-rikorrent jgħid ukoll:

''Illi issa li għaddew aktar minn ħamest ijiem, l-arrest sar bi ksur tal-liġi, u jivvjola l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni....''

L-imsemmi artikolu jinstab fl-ewwel skeda tal-Att XIV tal-1987 u jaqra hekk:

''(1) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1(ċ) ta' dan l-artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem Imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kondizzjoni ta' garanzija biex jidher għall-proċeduri.''

Il-paragrafu 1(ċ) li għalih hemm riferenza jgħid: Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta bil-liġi:

(ċ) L-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun nuqqas raġjonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew taħrab wara li tkun għamlet reat.''

F. Għandu jiġi mill-ewwel osservat illi għalkemm ir-rikorrent fir-rikors tiegħu li ''l-arrest sar bi ksur tal-liġi u jivvjola l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ...''din il-frażi għandha tiftiehem li hija kawżali waħda u ċjoè illi bi ksur tal-**liġi**, ir-rikorrenti qed jifhem l-istess artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ċjoè ksur tal-liġi kostituzzjonali u mhux qed jgħid li nkisret **ukoll** il-liġi kif stabbilita fil-Kodiċi Kriminali. U dan għaliex kull kwistjoni li tallega li nkisret din il-liġi – l-Kodiċi Kriminali - hija esklużа mill-ġurisdizzjoni kemm tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll ta' din il-Qorti Kostituzzjonali; – ġurisdizzjoni stabbilita u delimitata mill-artikoli 46 u 95(2) tal-Kostituzzjoni u 3 u 4 tal-Att XIV tal-1987.

G. Is-sentenza appellata tittratta l-lament kostituzzjonali fil-paragrafi minn 12 sa 17, billi l-paragrafi l-oħra, prinċipalment, huma intiżi biex jirribattu l-eċċezzjonijiet tal-intimat.

H. Il-Qorti ma sabitiex faċli li tiddentifika sewwa, b'mod ċar u preċiż x'qed jippretendi r-rikorrenti li vjolalhu d-drittijiet fundamentali tiegħu – jekk m'humiex l-artikoli rilevanti tal-Kodiċi Kriminali, l-operat tal-Kummissarju tal-Pulizija, jew l-operat tal-Qorti tal-Maġistrati bid-digriet tagħha, hemm fuq

kwotat tat-23 ta' Diċembru, 1990. Is-sentenza appellata fil-paragrafu 11 identifikat l-allegata vjolazzjoni hekk:

Dak li qiegħed jippretendi r-rikorrent mhix il-ħeffa fil-proċeduri, *iżda l-libertà mid-detenzjoni illegali...*''

I. Jiġi preċiżament illi hemm si tratta ta' arrest, u mhux detenzjoni; kif jiħder ċar mil-atti proċesswali u d-detenzjoni ma daħlet imkien ħlief meta ġiet kwotata l-liġi.

J. Issa kif intqal – mhux qed jiġi allegat li l-arrest ta' l-intimat ma sarx skond kif jipprovdi l-Kodiċi Kriminali – għaliex dan kien il-każ, il-lament ma kienx jinġieb quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

K. Fl-aggravju li r-rikorrenti jsemmi fl-appell tiegħu, jingħad:

''Fuq (sic) l-art.5(3) ġie jfisser li persuna tinġieb quddiem maġistrat ifisser li kemm tarah quddiemha u mhux Qorti li tisma' u tiddeċiedi. Qorti li hi tenuta li tara jekk hemmx raġunijiet jew le għall-kontinwazzjoni tal-arrest.''

Dan l-aggravju donnu jindika li l-vjolazzjoni lamentata hija fl-imġieba tal-maġistrat, kif kristallizzata fid-digriet li huwa ta' wara l-verbal tar-rikorrent.

Dan il-lament – se mai – għandu jsir quddiem Qorti oħra. Hawnhekk jista' jingħad illi huwa biżżejjed magħruf illi l-Maġistrat Inkwirenti għandu l-poter li jew jikkonvalida jew ma jikkonvalidax l-arrest esekuttiv tal-pulizija – u hija l-ordinanza tiegħu fuq daqshekk, li tipprovdi – jew l-arrest jiġi mibdul

f'arrest ġudizzjarju jew l-arrestat jiġi liberat. Donnu l-lament tar-rikorrenti huwa li l-maġistrat – din il-kwistjoni ħadha b'mod formali "tarah quddiemha" biss, jew, b'mod leġġier – ċjoè li ma ndagax jekk l-arrest esekuttiv kienx verament ġustifikat skond l-artikolu 347 Kap.9 – "hemm suspett li għamlet delitt." Ma jidhirx f'dan il-każ li kien hemm jew waħda jew l-oħra minn dawn id-difetti - għaliex id-digriet stess juri li l-maġistrat – la darba l-attenzjoni tiegħu inġibdet għall-fatt, investiha u ddeċidieha bid-digriet.

Però dan kollu – jrid jerġa' jiġi ripetut – mhux materjal ta' kwistjoni kostituzzjonali.

L. Jingħad ukoll bħala l-aħħar aggravju li sentenza appellata "ma qalet xejn dwar il-kelma "promptly"; l-anqas daħlet fid-dmir tal-pulizija li ma' l-arrest iġġib il-provi biex isaħħu r-rapport."

Verament fuq il-kelma *"promptly"*, li fit-test Malti tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni hija "minnufih", huwa biżżejjed magħruf illi l-artikolu 353(2) Kap.9, jiddisponi illi

"Jekk jingħata l-ordni biex il-persuna arrestata tiġi mressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dan l-ordni għandu jiġi esegwit bla dewmien mhux meħtieġ, u fl-ebda każ m'għandhom jitħallew igħaddu iżjed minn tmienja u erbgħin siegħa.

Issa – mhux biss jirriżulta li dan kollu ġie osservat wara l-arrest esekuttiv tar-rikorrent, imma din il-proċedura hija waħda mill-aktar spediti li hawn fl-Ewropa u qatt ħadd ma fehem li l-*"promptly"* tal-Konvenzjoni Ewropeja tfisser speditezza aktar minn din.

Imma però, jerġa jiġi ripetut, ir-rikorrent mhux qed jallega li l-artikolu 353(2) jivvjola l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni – u dan kollu qed jingħad, għall-abbundanza.

M. Hekk ukoll għandu jingħad għall-frażi "lanqas daħlet fid-doveri tal-pulizija li ma l-arrest (issa ġudizzjarju) iġġib il-provi biex isaħħu r-rapport".

Din turi daqstant ieħor ċar li dak li qed jippretendi r-rikorrent huwa interpretazzjoni tal-artikolu 390 Kap.9 tal-provvediment – tisma' l-provi li jinġiebu biex isaħħu r-rapport. Imma, apparti li d-diġriet tal-maġistrat, dan ikkunsidrah; apparti l-fatt li s-sentenza appellata din semmietha wkoll fil-paragrafu 9. – dejjem jibqa' ċar u inekwivoku li din mhix materja kostuzzjonali.

N. Fit-trattazzjoni orali saru riferenzi għal xi sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani:

(i) SCHIESSER CASE tas-26 ta' Ottubru, 1979. F'dan il-każ, id-"*District Attorney*" ta' Winterthur, l-Isvizzera, ordna d-detenzjoni ta' Schiesser għaliex issuspetta li kien ikkumetta serq aggravat. Skond il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali ta' dak il-pajjiż, din id-detenzjoni tista' ddum erbatax il-ġurnata. Għalkemm id-"*District Attorney*", skond is-sistema svizzeru, diffiċli li tikkwalifikah bħala imħallef, u għandu aktar mill-kwalità ta' prosekutur, u d-detenzjoni minnhu ordnata kienet aktar detenzjoni esekuttiva milli waħda ġudizzjarja, b'dan kollu dik il-Qorti ddeċidiet hekk:

"*The Court is therefore of the opinion that the Winterthur District Attorney offered in the present case the guarantees of*

*independence and the procedural and substantive guarantees inherent in the notion of "office authorized by law to exercise judicial power". There has accordingly been no breach of article 5(3)."*

(ii) DE JONG, BALJET and VAN DEN BRINK – tal-4 ta' Mejju, 1984. it-tlett persuni msemmija kienu oġġezzjonaw li jservu bħala suldati skond il-liġi tal-leva olandiża. L-oġġezzjoni kienet bażata fuq konsiderazzjoni morali u ta' kuxjenza. Ġew detenuti u skond il-Kodiċi Militari Olandiż deheru quddiem *auditeur-militair* biex dan jeżamina l-każijiet tagħhom u **jikkmanda** jekk għandhomx jibqgħu detenuti jew le. Dan il-fizzjal ma kellux il-poter li jillibera lid-detenuti. Il-Qorti għalhekk qalet:

*"The auditeur-militaire could not be "independent of the parties... at this preliminary stage precisely because he was liable to become one of the parties at the next stage of the procedure....*

*Consequently the procedure followed in the applicants' cases before the auditeur-militair did not provide the guarantees required by article 5(3).*

(iii) HUBER Case – tal-25 ta' Settembru, 1990. Id-*District Attorney* ta' Zurich, l-Isvizzera, ħareġ ordni ta' detenzjoni kontra s-Sinjura Huber fuq suspett gravi li kienet xehdet il-falz. Il-Qorti, eżaminat l-istatus ġuridiku tad-*"District Attorney"* u kkonkludiet li huwa b'ebda mod ma jista' jitqies li huwa jikkwalifika bħala "imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'bażi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja, tant li *"before the trial court, the District Attorney has the status of a party in the proceedings"* – paragafu 27 tas-sentenza; – posizzjoni

li, f'dan l-aspett, hija simili għal dik tal-Avukat Ġenerali fis-sistema tagħna – u li għaliha saret riferenza fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Novembru, 1990 – fl-ismijiet Alan Mifsud et vs. L-Avukat Ġenerali et.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti kkonkludiet li l-proċedura taħt il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Svizzeru kienet tivvjola l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni.

O. Ebda waħda minn dawn is-sentenzi ma hija rilevanti għall-każi tar-rikorrent. Dawn kollha huma konċernati bin-nuqqas ta' imħallef indipendenti li għandhu s-setgħa ġudizzjarja li jeżamina u jikkontrolla l-arrest jew detenzjoni esekuttiva billi jkollu s-setgħa li jibdel l-istess f'arrest jew detenzjoni ġuridizzjarja jew li jillibera l-persuna hekk detenuta jew arrestata. Fis-sistema tagħna, m'hemm ebda dubbju li l-maġistrat li quddiemu jiġi ppreżentat l-imputat arrestat skond l-artikolu 347 Kap.9 – kif ġara f'dan il-każ u allura l-Qorti ma tara ebda ġustifikazzjoni fir-riferenzi li saru għal dawn il-każi tal-Qorti Ewropeja fit-trattazzjoni orali – meta l-Qorti kienet għada m'hiex f'posizzjoni li tikkontrolhom minn qabel.

Għaldaqstant il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Diċembru, 1990 u tiċħad l-appell tar-rikorrenti, bl-ispejjeż.